MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2014

Numru. 58/2012

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Arthur Mercieca)**

**Vs**

**Aaron Ritchie**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Aaron Steven Stewart Edward Ritchie**, 27 sena, bin Edgar u Janet nee' Ranier, imwieled United Kingdom fis-17 ta' Frar 1984, residenti Last Building Flat 5 Triq Habberxa, Marsascala u detentur tal-karta ta' l-identita' **77000(L)**, gie akkuzat talli :

1. nhar id-19 ta' Jannar 2012 ghall-habta ta' 11.30 am gewwa Zejtun attakkajt jew ghamilt rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqies vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il- ligi minn servizz pubbliku u cioe PC813 C.Vella kif ukoll PC1252 Keith Livori, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall- esekuzzjoni tal-ligi jew ta ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurjajt, heddidt jew ghamilt offiza fuq il-persuni ta' PC 813 u PC 1252 persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra il-ligi fl-ezekuzzjoni ta'dak is-servizz;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi soqt vettura BBI 923 tal-ghamla Peugeot b'manjiera perikoluza u traskurata;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi soqt vettura BBI 923 tal-ghamla Peugeot minghajr ma kont liebes cinturin tas-sigurta;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi inqast milli tobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilek mill-Pulizija;

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied.

Il-Qorti gentilment mitluba li tikkunsidra l-imsemmi imputat bhala li kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-istess Onorabbli Qorti meta nhar it-23 ta'Gunju 2011 kien gie misjub hati mill-Magistrat Dr. E.Grima LL.D. ta' pusses ta` droga u giet imposta fuqu bhala sentenza art 7 tal-Kap 446 ghal tlett snin.

Finalment nakkuza lill-Aaron Ritchie talli huwa sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Rat ir-*Rinvio a Giudizio* tal-Avukat Generali tat-13 ta` Frar 2013 li jinsab *a folio* 79 tal-atti, li bih deherlu li mill-kumpilazzjoni kondotta, tista tinstab htija jew htijiet skond l-Artikoli hemm stess indikati;

Rat li fl-udjenza tal-25 ta` Frar 2013 l-imputat iddikjara li ma jsibx oggezzjoni li l-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti;

Qieset id-depozizzjonijiet kollha moghtija f'dan il-procediment;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur kif wkoll ta` l-imputat.

**Ikkunsidrat**;

Illi in succinct, il-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti. Nhar id-19 ta` Jannar 2012 ghall-habta tal-11.30am, PC813 u PC1252 kienu qed jaghmlu *patrol* gewwa z-Zejtun meta f'hin minnhom, gewwa Triq Xrobb l-Ghagin, innutaw vettura tal-ghamla Peugeot BBI 923, misjuqa mill-imputat, u l-imputat ma kellux ic-cintorin tas-sigurta`. Ghamlulu sinjal biex

jieqaf u waqaf. Tabuh l-*ID card*; izda taghhom il-partikolaritajiet. Infurmawh dwar ic-cintorin tas-sigurta`. Sfortunatament, minn daqshekk, il-bicca kibret ghalxejn. L-imputat infexx ikellimhom hazin, irrejzja l-karozza, saq mar-*roundabout*, rega rrejzja fid-direzzjoni generali ta` fejn kien hemm il-membri tal-korp tal-pulizija, li minn naha taghhom hadu l-prekawzjoni u resqu minn nofs. L-imputat imbaghad saq l'hemm. Mieghu kellu lis-siehba tieghu u lil bintu minuri ta` ftit xhur. Sussegwentement, huwa ntalab imur l-ghassa u effettivament mar minn jeddu u inzamm arrestat sakemm tressaq il-Qorti.

Din hi principalment il-verzjoni tal-Pulizija, ix-xhieda principali tal-prosekuzzjoni.

Apparti xi sfumaturi l'hemm u l'hawn, din il-verzjoni giet ikkorroborata mill-imputat innifsu. Hu ta stqarrija u tela jixhed bil-gurament quddiem din il-Qorti. Jammetti li ma kellux cintorin tas-sigurta`, u jammetti li tkellem hazin. Qal li dak iz-zmien kien ghaddej minn zmien difficli, li t-trobbija tieghu kienet difficili hafna, kellu rabja, kien ilu jabbuza mid-droga; jammetti li l-istorja ta` semplici 'seat-belt' kibret ghalxejn u jghid li hu aktar irreagixxa ghal dak li hu haseb li seta kien agir provokattiv minn naha tal-pulizija. Jammetti li hu rrejzja l-vettura, izda li dan ghamlu peress illi l-*battery* tal-karozza kellha l-hsara. Jghid li fil-fehema tieghu huwa ma saqx ghal fuq il-pulizija. F'kull kaz pero`, huwa wera li iddispjacieh ta` l-incident u li f'dawn l-ahhar xhur impenja ruhu serjament fl-'anger management' tieghu. Talab lill-Qorti sabiex tkun klementi mieghu u sahaq li jrid jibdel hajtu biex igawdi lil bintu kif inhu xieraq u mhux minn gewwa l-habs.

**Ikkunsidrat**;

Illi l-Qorti qieset sew ir-rizultanzi processwali, partikolarment id-depozizzjonijiet tal-protagonisti u ma jidhriliex li ghandha tiehu wisq fit-tul. Ma hemm xejn fil-process li ghandu jwaqqaf lil din il-Qorti milli temmen il-verzjoni tal-membri tal-korp tal-pulizija. Kienu qed jaghmlu xogholhom u spiccaw il-mira ta` abbuz verbali; l-imputat ma ghamilx sew li pprova jbezzaghhom bil-mod kif saq – sewqan li seta holoq incident akbar. Kif jirrizulta ben tajjeb mill-atti, dan l-incident seta facilment jigi evitat kieku l-imputat accetta (kif wara kollox kien gia ghamel) li jinhariglu *ticket* minhabba n-nuqqas tieghu li juza c-cintorin tas-sigurta`, u

jkompli fi triqtu bil-kwiet. Sfortunatament huwa ghogbu li jeskala dan l-incident f'wiehed li allura gabu passabbli ghall-imputazzjonijiet dedotti.

**Ikkunsidrat**;

Illi ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-Qorti qieset il-fedina penali refrattarja ta` l-imputat – fedina penali li turi li l-imputat ilu zmien twil jahbat mal-gustizzja. Qieset ukoll il-genwinita` tieghu meta bil-gurament kwazi ammetta kollox u gharaf li kien l-agir tieghu li skala dan l-incident f'wiehed aktar serju. Qieset li huwa ddispjacieh ta` li ghamel u ikkonsidrat sew il-fatt li huwa qed jimpenja ruhu fl-*anger management* bl-ghajnuna ta` *probation officer*. Zammet quddiem ghajnejha wkoll il-fatt li ghandu bint minuri. **Bil-piena li ser taghti din il-Qorti, irid jintbaghat messagg illi min ikun zbalja kif zbalja l-imputat jehtieg li jifhem li ghamel hazin u jrid jinghata piena xierqa bhala deterrent; izda l-istess piena trid isservi wkoll sabiex l-imputat, kemm jista jkun malajr, jinghata l-opportunita` li jirriaddestra ruhu fit-triq it-tajba biex fil-veru sens tal-kelma igawdi lil bintu kif jixraq**. Il-Qorti tittama li l-imputat ma jitlifx din l-opportunita` u tawgura li bintu ssib f'missierha persuna mibdula li jirrinintegra ruhu sew fis-socjeta`.

Stante li l-imputat ma giex addebitat bil-ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta` Malta fir-*Rinvio a Giudizio*, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta` tali addebitu kif migjub fir-rapport originali ta` l-ufficjal prosekutur.

Il-Qorti qed tqis lill-imputat bhala recidiv fit-termini ta` l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Konkluzjoni**;

**GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 533, 95, 96(a), 338(dd)(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Artikoli 15(1)(a)(2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta, u r-regolamenti 3, 4, 13(1) tal-L.S.65.12, **issib lill-imputat Aaron Steven Stewart Edward**

**Ritchie hati ta` l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah komplessivament ghal sitt (6) xhur prigunerija. Tordna wkoll is-sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan tal-hati ghal zmien tnax-il xahar mill-lum**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------